2025/2211

28.10.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/2211

tas-27 ta' Ottubru 2025

li temenda d-Deċiżjoni 2010/573/PESK li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika tal-Moldova

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Settembru 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/573/PESK [1].

(2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2010/573/PESK, jenħtieġ li l-miżuri restrittivi stabbiliti fiha jiġu estiżi sal-31 ta' Ottubru 2026.

(3) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2010/573/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 2010/573/PESK, id-data "31 ta' Ottubru 2025" hija sostitwita bid-data "31 ta' Ottubru 2026".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-27 ta' Ottubru 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

J. JENSEN

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/573/PESK tas-27 ta' Settembru 2010 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika tal-Moldova (ĠU L 253, 28.9.2010, p. 54, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2010/573/oj).